# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 11

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

It-Tlieta 6 ta' Settembru, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara **(onlajn)**
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Albert Buttigieg – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, kif ukoll mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sabiex jinfurmawna li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

11.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 10 li nżammet nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

11.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, u sekondati Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai.

## 11.3 Komunikazzjoni mill-President

11.3.1 *17:37pm – is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa.*

- ***Reġjun Kulturali***

11.3.2 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 11 ta' Awwissu 2022 mill-SPI fejn għaliha kien hemm preżenti s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, id-Direttur ta' l-Implimentazzjoni tal-Policies, is-Sa Marisa Pisani, flimkien mal-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tas-sitt Reġjuni, kif ukoll mis-Sa Maryanne Cauchi u s-Sa. Elyse Tonna minn Arts Council Malta.

11.3.3 F'isem dan ir-Reġjun, il-President spjega li kienu preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

11.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa, kien hemm diskussjoni dwar dak li kien qed ikun mistenni mir-Reġjun sabiex ikunu r-Reġjun Kulturali għas-sitt snin li ġejjin.

11.3.5 Is-Sur Chircop qal kif permezz ta' polza, kien hemm qbil sabiex is-sena li ġejja r-Reġjun Nofsinhar ser ikun ir-Reġjun Kulturali. Għas-sena 2024, ir-Reġjun Lvant ser ikun ir-Reġjun mgħażul għal dan it-titlu, segwit minn Reġjun Għawdex fl-2025, Reġjun Port fl-2026, Reġjun Punent fl02027 u Reġjun Tramuntana fl-2028.

- ***Laqgħa ma' l-Onor. Alison Zerafa Civelli***

11.3.6 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li hu kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2022, mas-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali, sabiex nitkelmu

dwar l-uffiċini tar-Reġjun. Għalkemm erġajna staqsejniha jekk kienx hemm xi żvilupp dwar dan, s'issa għad ma hemm l-ebda rispota.

- *Tnedija ta' Proċess ta' Konsultazzjoni għall-Iżvilupp tal-Istrateġija tal-Gvern Lokali*

11.3.7 Il-President informa lill-membri dwar konferenza stampa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun attender nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu 2022 ġewwa Dar il-Mediterran, il-Belt.

11.3.8 Is-Sur Chircop spjega kif l-infomazzjoni li ngħatat f'din il-laqgħa kienet ġiet mgħoddija lill-membri u kif ser issir l-ewwel laqgħa ta' konsultazzjoni fid-9 ta' Novembru 2022, fil-5:30pm ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi.

11.3.9 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri sabiex ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

- *Laqgħa dwar l-escooters*

11.3.10 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2022 fejn dan ir-Reġjun organizza laqgħa bejn rappreżentanti mill-escooters kif ukoll mal-membri tar-Reġjun.

11.3.11 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kienu preżenti biss rappreżentant mill-kumpanija, Whiza, u b'mod virtwali kien hemm rappreżentant minn Bird.

11.3.12 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif dan ir-Reġjun irċieva stedina għall-laqgħa mingħand Transport Malta sabiex tinżamm nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2022. Dettalji dwar din il-laqgħa tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun.

- *Tnedija ta' l-Emblema Uffiċjali tar-Reġjun*

11.3.13 Il-President fakkar lill-membri f'dan l-avveniment sabiex ikunu preżenti.

- *Żjara Kulturali f'Barcelona*

11.3.14 Il-President spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv irnexxielha tistabilixxi kuntatt pero kien għad ma hemmx konferma uffiċċjali dwar jekk din id-delegazzjoni hux ser tiġi milquha. Madanakollu s-Sur Chircop spjega kif is-Sa Galea qed iżżomm lid-delegazzjoni aġġornat f'kull pass.

- *Żjara ġewwa t-Turkija*

11.3.15 Il-President informa kif fil-ġranet li għaddew dan ir-Reġjun kien ġie infurmat li s-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, ma kienx jista jattendi għal din iż-żjara minħabba raġunijiet personali.

11.3.16 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni huwa ntalab sabiex jirrifondi lura l-ispiċċa ta' dan il-biljett u minflokk ser tkun qed tattendi l-Uffiċjal Maniġerjali ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, peress li s-suġġetti diskussa ser ikunu relatata dwar l-ambjent.

- *Kunsill Lokali Għargħur*

11.3.17 Dan ir-Reġjun ressaq fuq il-mejda talba li ġiet imressqa mingħand dan il-Kunsill Lokali rigward skema numru 2 sabiex jigu rimborżati għall-Għoti ta' Unur Excelsior.

11.3.18 It-talba giet approvata b'mod anonimu.

- *Kunsill Lokali Birkirkara*

11.3.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex taħt l-ewwel proġett, dan ir-Reġjun jgħamel avvenimenti b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet. Fit-Tieni proġett dan il-Kunsill ser juża l-fondi sabiex tinżamm Jum Birkirkara fil-5 ta' Diċembru 2022.
Skema 3 ser isir refurbishment ġdid f'Gnien Fleur De Lys u ser jsir monument 'Merħba Birkirkara'
Skema 4 ser isir it-tiżjun tal-Milied permezz ta' Sejha ta' offerti.

11.3.20 Din it-talba ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

11.3.21 Dan ir-Reġjun irċieva talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex jinfurmana li bħala Kunsill jixtiequ jorganizzaw attività nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2022 fil-Pjazza tar-raħal, *End of Summer Family Festival*, li ser jiswa madwar €4,500.

11.3.22 Il-Kunsill talab sabiex din l-ispiża ta' din l-attività tittieħed mill-fond li għandu l-kunsill allokat lilu taħt il-kultura, sport u mużika.

11.3.23 Din it-talba ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali tas-Sliema*

11.3.24 Dan ir-Reġjun irċieva talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex jispjega kif ser jiġu wżati l-fondi mir-Reġjun. Madanakollu, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, talab sabiex dawn ma' jiġux imressqa f'din il-laqgħa peress li uħud mill-fondi ma kienux għadhom ġew deċiżi.

11.3.25 Għal din ir-raġuni, din it-talba ma ġietx imressqa u ser tiġi mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 11.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

11.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 11.5 Rapporti

11.5.4 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 11.6 Sejħa Pubblika Reġjonali għal Ġbir ta' l-Iskart Domestiku

11.6.1 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President spjega kif din is-sejħa għalqet nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 u nfteħu. Dan ir-Reġjun qed jistenna mingħand il-bord ta' l-evalwaturi dwar ir-riżultat.

11.6.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif is-Sa Galea kienet ġiet infurmata li l-bord ta' l-evalwaturi kellhom jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2022. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 11.7 Vakanza għal Deputat Reġistratur u għal Clerk

- *Deputat Reġistratur*

11.7.1 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa qed tiġi ndirizzata minn kumpanija private, We Consult You, sabiex tinstab persuna adekwata.

11.7.2 Is-Sur Chircop qal kif nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 dawn ir-Reġjun ġie nfurmat li kien hemm applikazzjoni waħda eleġibbli u għal din ir-raġuni inżammet l-intervista mal-kandidata l-bieraħ, it-Tnejn 5 ta' Settembru 2022. Il-bord kien kompost minni flimkien mas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, flimkien mas-Sa Galea.

11.7.3 Is-Sur Chircop spjega kif il-bord qabel li din il-persuna tkun magħżula u għal din ir-raġuni ġiet imressqa għall-approvazzjoni waqt din il-laqgħa.

11.7.4 Il-membri preżenti approvaw din id-deċiżjoni u s-Sa Galea ser tkun qed tagħmel kuntatt magħha sabiex tkun tistà tibda dan l-irwol il-ġdid. à

- *Clerk*

11.7.5 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu 2022 dan ir-Reġjun ippublika din is-sejħa b'mod estern wara li ma kien hemm l-ebda persuna li applikat mill-proċess tal-Jobsplus. Din is-sejħa għalqet nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2022. B'kollox kien hemm ma 70-il applikazzjoni. Uħud kienu validi u għal din ir-raġuni ser jinżammu l-intervisti fil-ġranet li ġejjin.

- *Uffiċjali Reġjonali*

11.7.6 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Simon Agius dwar kandidati eleġibbli għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal responsabbli mill-Proġetti. B'kollox hemm żewġ kandidati. Wieħed minn dawn il-kandidati kien diġa ġie ntervistat fl-aħħar sejħa u ma kienx seta jaċċetta l-pożizzjoni minħabba raġunijiet personali. Għal din ir-raġuni s-Sa Galea talbet jekk dik il-problema kienitx għadha preżenti sabiex dan ikun jistà jerġa jiġi kkunsidrat.

## 11.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Move For October*

11.8.1 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-Kunsill Reġjonali qiegħed jagħmel il-preparamenti neċessarji sabiex jorganizza avveniment bl-isem **'Move for October'** għal dawk in-nisa kollha fi ħdan ir-Reġjun – Sindki, KunsillierA, Segretarji Eżekuttivi, Impjegati.

11.8.2 Il-President talab lill-membri sabiex jattendu u jħeġġu lill-kumplament tan-nies fi ħdan il-Kunsilli sabiex jipparteċipaw.

- *LESA*

11.8.3 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 17 t'Awwissu 2022 dan ir-Regjun irċieva l-pagament ta' €181,059 mill-LESA għar-rimborż ta' l-ispejjeż għal perjodu ta' l-2019 sa Settembru ta' 2021. Nhar il-Gimgħa 26 ta' Awwissu 2022 l-Accounts Officer ta' dan ir-Reġjun, Marthese Camilleri għaddiet id-dokumenti mitluba mill-AKL għal perjodu minn October 2021 sa December 2021.

11.8.4 Is-Sur Chircop qal ukoll kif nhar it-Tnejn 22 t'Awwissu 2022 dan ir-Regjun irċieva pagament ta' €4,800 mingħand il-LESA wara li kien ġie ffirmat l-MOU dwar upgrading ta' l-IT system fit-tribunal lokali.

- *Servizz ta' Mechanical Engineer*

11.8.5 B'referenza għal din is-sejħa, is-Sur Chircop qal kif is-sejħa għal dan is-servizz ġie ppublikat fuq is-sistema ta' l-EPPS nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwisu 2022. Peress li din is-sejħa tagħlaq nhar it-Tnejn 26 September 2022, is-Sur Chircop talab sabiex jiġu magħżula l-persuni li ser ikunu fuq il-bord ta' l-evalwaturi.

11.8.6 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, ikunu membri fuq il-bord flimkien mal-President bħala Chairman u s-Sra Galea, bħala s-Segretarju Eżekuttiv.

- *Malta Cooperative Federation*

11.8.7 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun ġie infurmat kif il-laqgħa li kellha tinżamm flimkien mad-Dipartiment tal-Kuntratti għal nhar il-Ħamis 1 ta' Settembru 2022 kellha tiġi nkanċellata mid-Dipartiment tal-Kuntratti kkanċella. Din il-federazzjoni ser iżommna aġġornata malli tinżamm din il-laqgha.

- *Nudging Active Travel*

11.8.8 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun irċieva nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 mingħand Profs Maria Attard dwar dan il-proġett. Ser jinżamm it-tielet u l-aħħar *workshop* fuq il-campus ta' l-Università ta' Malta nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2022 għal 5 ta' filgħaxija. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop talab lil membri sabiex jieħdu nota ta' dawn id-dettalji sabiex jattendi.

- *Irmunkar ta' Vetturi Abbandunati*

11.8.9 Is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, talab sabiex ir-Reġjun iġġib aktar dettalji dwar il-proċedura involuta sabiex tiġi rmunkata vettura mit-Triq li tkun ġiet abbandunata.

11.8.10 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti fuq dan is-suġġett, kien hemm qbil sabiex tintalab aktar informazzjoni mingħand l-avukat tar-Reġjun u tiġi ppreżentata għal diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

11.9.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai resqet mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 9A u 9B.

11.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 11.10 Mozzjonijiet

11.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 11.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:36 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2022.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2022.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |